



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

**Strasburgu, 18 ta' Jannar 2023
(OR. en)**

**2022/0282 (COD)
LEX 2215**

**PE-CONS 67/1/22
REV 1**

**AVIATION 296
ENV 1213
CODEC 1855**

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
LI TĦASSAR ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 89/629/KEE**

DEĊIŻJONI (UE) 2023/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-18 ta' Jannar 2023

li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/629/KEE

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkonsultaw mal-Kumitat tar-Regġuni,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja²,

¹ Opinjoni tas-26 ta' Ottubru 2022 (għada ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

² Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2022. (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2022.

Billi:

- (1) Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni kkonfermaw, fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Ligijiet¹, l-impenn konġunt tagħhom li jaġġornaw u jissimplifikaw il-leġislazzjoni tal-Unjoni.
- (2) Id-Direttiva tal-Kunsill 89/629/KEE² pprevediet li ajruplani li qabżu l-istandards rilevanti tal-emissjonijiet tal-istorbju skont dik id-Direttiva setgħu jkomplu joperaw, jekk kienu diġà ddaħħlu f'reġistru nazzjonali ta' Stat Membru. Madankollu, din applikat regola li ma ssir l-ebda żieda: l-ebda reġistrazzjoni ġdida ta' tali ajruplani ma kienet possibbli wara d-dħul fis-seħħ ta' dik id-Direttiva.
- (3) Id-Direttiva 2006/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ introduċiet tneħħija gradwali sħiħa tal-ajruplani kollha li ma jilħqux l-istandards rilevanti tal-emissjonijiet tal-istorbju, inkluż ta' dawk li qabel kienu koperti mid-Direttiva 89/629/KEE, irrISPettivament minn jekk dawn kinux ġew irreġistrati jew le. Dan wassal għal sitwazzjoni fejn l-ajruplani kkonċernati ma tħallewx itiru fl-ajru tal-Unjoni u kellhom jitmehhew mir-reġistri nazzjonali tal-Istati Membri.
- (4) Konsegwentement, id-Direttiva 89/629/KEE ma għadhiex valida u għalhekk jenħtieġ li titħassar,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

² Id-Direttiva tal-Kunsill 89/629/KEE tal-4 ta' Diċembru 1989 dwar il-limitazzjoni tal-emissjoni ta' ħsejjes minn ajruplani ċivili jet subsoniċi (ĠU L 363, 13.12.1989, p. 27).

³ Id-Direttiva 2006/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar ir-regolament tal-operazzjoni tal-ajruplani koperta mill-Parti II, il-Kapitolu 3, il-Volum 1 tal-Anness 16 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, it-tieni edizzjoni (1988) (ĠU L 374, 27.12.2006, p. 1).

Artikolu 1

Id-Direttiva 89/629/KEE hija mħassra.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Strasburg,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President